**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TAL-GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 9 ta' Ottubru, 2015**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Vincent Cucciardi**
**(ID 112877(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Vincent Cucciardi ta' 31 sena, bin Angelo u Anna nee` Cutajar, imwieled il-Pieta` fit-2 ta' Frar 1977 u joqghod 181, Qormi Road, Marsa jew 144, Dun Mario Street, Qormi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 112877(M);

Akkuzat talli bejn il-21 ta' Settembru 2008 u l-21 ta' Novembru 2008 f'dawn il-Gzejjer:

Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita` tieghu inniffsu lil Ruben Galea u lil Maria Bezzina jhallsu dejn, jew jesegwixxu obligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Ruben Galea u Maria Bezzina fil-pussess ta' hwejjighom jew b'xi mod iehor kontra l-ligi indahal fi hwejjeg ta' Ruben Galea u Maria Bezzina.

Il-Qorti giet mitluba jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Ruben Galea u Maria Bezzina jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-

piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Vincent Cucciardi b'obbligazzjoni tieghu nniffsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni finali.

**Ikkunsidrat**:

Illi kif jirrizulta mill-atti u specifikatament mix-xhieda ta' Maria Bezzina, Ruben Galea u tal-imputat inniffsu, il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Fiz-zmien tal-imputazzjonijiet odjerni, Ruben Galea dahal fi ftehim mal-imputat fis-sens illi dan tal-ewwel partat vettura tat-tip Mercedes u mutur tat-tip Suzuki bin-numru ta' registrazzjoni JBJ 095 ma' vettura tal-marka Pajero li kienet ghand l-imputat. Peress illi l-vettura tal-marka Mercedes u l-mutur gew stmati sitt elef Liri Maltin (Lm6,000) u l-Pajero kienet tiswa izjed, huma ftehmu li Galea kellu jhallas somma ulterjuri lill-imputat. Dak iz-zmien, il-mutur kien jghajjat lil certa Maria Bezzina, oht Galea u sad-29 ta' April 2014, meta xehed ir-rapprezentant tal-Awtorita` dwar it-Trasport, kien ghadu registrat fuq isimha. Fil-waqt illi l-imputat zamm il-Mercedes u l-mutur, Galea ha l-Pajero, izda kien ghadu ma hallasx is-somma kollha dovuta minnu lill-imputat.

Skond ix-xhieda ta' Galea[1], huwa ma hallasx id-differenza fil-prezz, ghaliex huwa kellu jiehu l-Pajero minghand l-imputat is-Sibt, izda meta mar ghal din il-vettura t-Tnejn ta' wara, huwa nduna li din kellha l-*mudguard* u l-*flap* milqutin. Ghalhekk skond hu, Galea ha l-vettura ghand *panel beater* sabiex isewwiha u sussegwentement, wara li ftiehem f'dan is-sens mal-imputat, huwa rega' hadlu din il-vettura sabiex l-imputat ikun jista' jgib evalwazzjoni taghha biex din tinghatalha numru ta' registrazzjoni. Skond ix-xhud, meta huwa mar ghand l-imputat sabiex jerga' jiehu lura l-Pajero, dan qallu li ma kinitx lesta u li kellhom imorru biha l-gimgha ta' wara. Ix-xhud jghid li baqa' jinsisti biex jiehu l-vettura dak il-hin u jghid ukoll illi dakinhar kien ha mieghu l-flus biex ihallas il-bilanc li kien ghad fadal, izda l-imputat ma riedx jaghtih il-vettura lura. Fil-frattemp, l-imputat kien nehha l-mutur u l-Mercedes li kien tah Galea. Ix-xhud qal li ghalhekk huwa spicca b'xejn u kien f'dawn ic-cirkostanzi li mar jaghmel ir-rapport tieghu.

[1] Ix-xhieda ta' Ruben Galea tinsab a fol. 53 *et seq* tal-process.

Skond Maria Bezzina[2], huha Ruben Galea kien fadallu jhallas xi Lm1,000 lill-imputat in konnessjoni ma' dan in-negozju li kienu ghamlu bejniethom. Qalet li huha qalilha li l-imputat kien qallu biex jehodlu l-Pajero sabiex itellughha biex igibulha numru ta' registrazzjoni u li sussegwentement huha kien cemplilha u qalilha li l-imputat ma riedx jaghtih lura l-Pajero. Tghid ukoll illi qabel l-imputat kien mar wara l-bieb taghhom ghaliex ried jithallas, izda huha kien qallu li qabel xahar iehor ma setax ihallsu. Ix-xhud tikkonferma li l-vetturi kollha nvoluti f'din it-transazzjoni baqghu ghand l-imputat u in oltre l-imputat biegh jew ghadda l-mutur lil certu Julian Bezzina. Ukoll skond ix-xhud, hi qatt ma ffirmat sabiex isir it-*transfer* fuq il-mutur u li l-firma fuq id-dokument MB ma kinitx taghha.

Xehed ukoll Julian Bezzina[3], li qal illi huwa kien xtara mutur minghand l-imputat ghall-habta tal-20 ta' Ottubru 2008 u li Ruben Galea stess kien hadlu l-*logbook* iffirmat minn ohtu flimkien ma' kopja tal-karta tal-identita` taghha, li talbu wkoll biex jaghmel it-*transfer* relattiv. It-*transfer* huwa baqa' m'ghamlux, izda biegh il-mutur lil terza persuna.

Da parti tieghu, l-imputat xehed[4] illi Ruben Galea kien tah mutur u Mercedes bi tpartit ma' Pajero. Qal illi huwa ta l-Pajero lil Galea, dan tah 4500 u huwa hallaslu n-numru. Xi sitt xhur jew seba' xhur wara, Galea kien ghadu ma hallsux u qal lill-imputat sabiex jiehu l-Pajero lura ghaliex ma kellux minn fejn ihallsu. Qal illi Galea talbu Kia Shuma minflok, sabiex ipacu u huwa tah il-Kia, apparti elfejn Euro. Skond hu, il-mutur kien qieghed ghandu ghall-bejgh u bieghu, huwa mar ghand Maria Bezzina gewwa hanut tax-xaghar fl-Imsida, ffirmatlu l-*logbook* tal-mutur u taghtu fotokopja tal-*logbook* u tal-karta tal-identita` taghha. Qal illi imbaghad, Bezzina zammet it-*transfer* tal-mutur u qalet li kien hu li ffirmalha l-*logbook* u dan minkejja li Galea u hu kienu rrangaw kollox bejniethom, anke fil-presenza tal-avukat difensur. Qal illi hija riedet il-mutur lura.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Mir-rapport esebit in atti minn PS 1195 Conrad Debattista[5] li, fir-rigward tieghu, id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq bhala xhieda ulterjuri lil PS 1015, PS 601 u WPC 17 sabiex jikkonfermaw il-kontenut tal-istess rapport[6], jirrizulta illi meta Galea mar jaghmel ir-rapport tieghu fiz-zmien in kwistjoni, huwa qal *inter*

[2] A fol. 40 *et seq* tal-process.
[3] A fol. 62 *et seq* tal-process.
[4] A fol. 83 *et seq* tal-process.
[5] Dan ir-rapport jinsab esebit a fol. 77 *et seq* tal-process.
[6] Ara l-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar 2015, a fol. 72 tal-process.

*alia* illi huwa kellu jaghti izjed flus lill-imputat in konnessjoni mat-tpartit tal-vetturi, meta jasal hatnu mis-safar. Skond l-istess rapport, Galea qal ukoll illi wara xi granet illi fih kien sehh dan it-tpartit, l-imputat mar fir-residenza tieghu sabiex jigbor il-bqija tal-flus li kellu jhallas Galea, izda peress illi dan ma setax ihallsu dan l-ammont sakemm jigi hatnu lura mis-safar, l-imputat u Galea ftehmu illi sakemm isir il-hlas, il-vettura Pajero kienet ser tinzamm fil-garaxx tal-istess imputat. Galea kompja jirraporta illi sakemm wasal iz-zmien biex huwa jhallas dan il-bilanc, l-imputat biegh iz-zewg vetturi u anke l-mutur. Mill-istess rapport jirrizulta wkoll illi l-mutur kien jinsab fil-pussess ta' Julian Bezzina u Omar Psaila u li l-Mercedes kienet inbieghet lil *dealer* iehor maghruf bhala 'Topper'. Julian Bezzina, da parti tieghu, stqarr mal-pulizija illi l-*logbook* kien diga` ffirmat mis-sid meta nghata lilu u li huwa kien inghata wkoll kopja tal-karta tal-identita` tal-istess sid. Da parti taghha, madankollu, Maria Bezzina innegat mal-pulizija li kienet hi li ffirmat dan id-dokument u Galea qal illi meta dan il-*logbook* inghata lill-imputat, dan ma kienx iffirmat.

Issa independentement minn min kien li ffirma t-*transfer* fuq il-*logbook* tal-mutur u kif kopja tal-karta tal-identita` ta' Maria Bezzina kienet waslet f'idejn l-imputat odjern u sussegwentement f'idejn Julian Bezzina, jibda biex jinghad fir-rigward tal-mutur u tal-vettura tal-marka Mercedes illi dawn inghataw lill-imputat minn Galea fil-kors ta' negozju bejniethom u li b'dan kollu kienet ukoll a konoxxenza Bezzina, li fuq isimha kien registrat il-mutur. Dan tikkonfermah fix-xhieda taghha meta tghid illi hi u huha kellhom vettura u mutur u li huha, Galea, iddecieda li jaghmel tpartit ma' vettura Pajero u li hija kienet taf x'kien ser jaghmel huha, apparti li kienet prezenti ghal xi diskors li sar bejn huha u l-imputat, meta dan tal-ahhar mar jitlob il-bilanc dovut lilu lil Galea.

L-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat tikkontempla r-reat ta' *ragion fattasi* a tenur tal-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu, fl-ewwel sub-artikolu tieghu, jghid hekk:

"*Kull min, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel haga kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, igieghel, bl-awtorita` tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew ihott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jiehu l-ilma ghalih, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeg haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur:*

*Izda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni taghha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, taghti l-piena tal-multa"* [sottolinear tal-Qorti].

Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Spiro Bartolo**, deciza fid-9 ta' Jannar 2006:

"*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe':- (a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor; (b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt; (c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika; u (d) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia" [17.2.95]; "Il-Pulizija vs. Reno Micallef" [6.6.95]; "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri" [18.9.2002] u ohrajn)*".

Illi kif inghad mill-Qrati taghna, l-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa intiz mhux sabiex jipprotegi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli ta' dak li jkun, ghaliex ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili, izda sabiex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat tal-awtorita` pubblika (**Il-Pulizija vs Salvina sive Silvia Incorvaja**, Qorti tal-Appell Kriminali, 25 ta' Lulju 1994).

Illi dwar l-elementi kostituttivi tar-reat in ezami, il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk:

"*The material element consists, as we have said, in depriving another person of a right or thing he is enjoying. The offence, therefore, does not arise where the act consists merely in the retention of possession already enjoyed by the agent: "Qui continuat non attentat*". *The deprivation of, including the interference with, somebody else's possession is essential: "L'atto esterno deve privare altri contro sua voglia di un bene che gode. Chi e` nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque perche` la legge protegge lo 'statu quo', il quale non puo` variarsi tranne per consenso degli interessati, o per decreto della autorita` giudiziale*." (*Carrara – Prog. Parte Speciale, Vol. 5, para. 2850 note …*).[7]

Ghalhekk ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun diga` jkollu. Huwa necessarju li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz jew ifixklu fil-pussess tal-haga.

[7] *Notes on Criminal Law*, Vol. II, pg. 33.

U la darba kif inghad izjed il'fuq, l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi, b'dan illi ghalhekk l-imsemmi artikolu jittutela l-pussess tal-haga, dak li wiehed ghandu jqis, ghal fini tal-ewwel element kostituttiv tar-reat, huwa jekk effettivament sa dakinhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-imputat, kellhomx Galea u Bezzina, il-pussess ossia l-uzu u/jew it-tgawdija tal-mutur u tal-vettura in kwistjoni.

Issa f'dan il-kaz, mhuwiex ikkontestat illi Galea stess kien ghadda l-pussess materjali tal-mutur u tal-Mercedes lill-imputat, fil-kors ta' negozju li dawn ghamlu bejniethom u dan kif inghad, bil-konsapevolezza ta' Bezzina. Kien biss meta n-negozju mar zmerc, fis-sens illi Galea sar jaf illi l-imputat kien biegh il-Pajero, li huwa fittex li jipprova jiehu lura il-mutur u l-Mercedes li huwa kien effettivament partat mal-imputat, izda stante li l-imputat diga` kien bieghhom, dawn baqghu ma regghux gew fil-pussess ta' Galea u/jew Bezzina.

Kif inghad, il-mutur u l-Mercedes inghataw lill-imputat minn Galea stess u ghalhekk fiz-zmien in kwistjoni, kien l-imputat li kellu t-tgawdija u l-pussess materjali taghhom u fil-mument li huwa ma tahomx lura lil Galea, huwa baqa' sempliciment jirritjeni pussess li diga` kellu u ma kienx qieghed ifixkel lil Galea jew lil Bezzina fil-pussess taghhom, la darba l-pussess materjali kien tieghu. U kif jghid il-Carrara, fuq citat fin-noti tal-Professur Mamo, "*Chi e` nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque ...*". Ghalhekk l-ewwel element kostituttiv tar-reat, anke jekk l-imputat baqa' fil-pussess tal-vettura u tal-mutur kontra l-volonta` ta' Galea u Bezzina, ma jissussistix.

L-istess irid jinghad dwar il-vettura Pajero. Ghalkemm Galea, fix-xhieda tieghu, jghid illi l-imputat qallu biex jaghtih il-vettura sabiex jehodhielu ghall-evalwazzjoni, izda imbaghad mhux talli ma hadielhux, talli l-imputat qallu li ma kienx ser jaghtihielu lura, il-Qorti tinnota illi *a tempo vergine,* fir-rapport maghmul minnu lill-pulizija, Galea ta verzjoni ohra dwar dan u qal illi stante illi huwa ma setax ihallas lill-imputat il-bilanc li kien ghad fadal fuq il-Pajero, <u>huwa u l-istess imputat ftehmu li din kellha tibqa' ghand l-imputat</u>, sakemm Galea ihallas il-bilanc dovut. Bhala l-verzjoni li nghatat minn Galea originarjament, hija din il-verzjoni li l-Qorti tqis illi ghandha torbot fuqha, fejn din ma taqbilx mal-verzjoni eventwalment moghtija mill-istess Galea f'dawn il-proceduri. La darba l-imputat ha lura l-pussess tal-vettura Pajero bil-kunsens shih ta' Galea, anke hawn il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati talli fixkel lil Galea fil-pussess ta' hwejjgu u dan

proprju ghall-istess ragunijiet moghtija izjed ‘il fuq fir-rigward tal-mutur u tal-vettura Mercedes. Ghal dan Galea u Bezzina kellhom rimedji ohrajn ta’ natura civili, izda fic-cirkostanzi, ma tistax tinstab htija fl-imputat dwar dak ravvizat fl-artikolu in ezami.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnha.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat